A.L. 311 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2005 dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali Bovini u t-Tikkettjar taċ-Ċanga

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar l-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Annimali Bovini u t-Tikkettjar taċ-Ċanga. Titolu u skop.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu sabiex jistabbilixxi sistema ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ta' annimali Bovini u ta' tikkettjar taċ-ċanga skond ir-Regola tal-Parlament u tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 1760/2000 KE tas-17 ta' Lulju tas-sena 2000.

TITOLU I

2. Għall-iskop ta' dawn ir-regoli, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin: Tifsir.

"annimal" tfisser annimal bovin hekk kif imfisser f'Artikli 2(2)(b) u (ċ) tad-Direttiva 64/432/KEE;

"l-awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji;

"gwardjan" tfisser persuna naturali jew legali responsabbli mill-annimali, kemm fuq bażi permanenti kemm temporanja, inkluż matul it-trasport jew fis-suq;

"razzett" tfisser stabbiliment, kostruzzjoni jew fil-każ ta' razzett miftuħ, kull post li jinsab f'Malta, fejn jinżammu jew jiġu annimali li jaqgħu taħt dawn ir-regoli;

Għall-iskop ta' Titolu II, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

"ċanga" tfisser kull prodott li jaqgħa taħt il-kodiċi CN 0201, 0202, 0206 10 95 u 206 29 91;

"organizzazzjoni" tfisser grupp ta' operaturi mill-istess qasam jew minn oqsma differenti tal-kummerċ fil-laħam;

"tikkettjar" tfisser it-twaħħil ta' tikketta fuq biċċa laħam jew biċċiet ta' laħam jew fuq il-materjal tal-ippakkjar tagħhom, jew fil-każ ta' prodotti li ma jkunux diġa mgeżwra l-għoti ta' informazzjoni bil-miktub u b'mod viżibbli kif imiss lill-konsumaur fil-post tal-bejgħ.

Sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni.

3. (1) Is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini għandu jkollha dawn l-elementi li ġejjin:

(a) tabelli mal-widnejn sabiex l-annimali jiġu identifikati individwalment;

(b) *databases* kompjuterizzati;

(ċ) passaporti ta' l-annimali;

(d) reġistri individwali li jinżammu f'kull razzett.

(2) Il-Kummissjoni u s-Servizzi Veterinarji għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha koperta b'dawn ir-regoli. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu il-miżuri neċessarji sabiex kull parti interessata jkollha aċċess għal din l-informazzjoni, inklużi organizzazzjonijiet tal-konsumatur li jkollhom interess u li huma rikonoxxuti mill-Istat Membru, sakemm biss tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-*data* protetta taħt il-liġi nazzjonali.

Tabelli mal-widnejn.

4. (1) Kull anninal f'razzett li jkun twieled wara l-31 ta' Diembru 1997 jew li jkun ma'sub għall-kummerċ fil-Kommunità għandu jiġi identifikat permezz ta' tabella mal-widnejn approvata mis-Servizzi Veterinarji imwaħħla ma' kull widna. Iż-żewġ tabelli għandu jkollhom l-istess kodiċi uniku, li jsiru hekk possibbli li jiġi identifikat kull annimal individwalment u r-razzett fejn ikun twieled. Annimali bovini ma'subin għal ġrajjiet kulturali, bl-eċċezzjoni ta' fieri u esibizzjonijiet, jistgħu jiġu identifikati, minflok b'tabella mal-widnejn, b'sistema ta' identifikazzjoni li toffri garanziji ekwivalenti u awtorizzati mill-Kummissjoni.

(2) It-tabella mal-widnejn għandha tiġi applikata fi żmien 20 ġurnata mit-twelid ta' l-annimal u f'kull każ qabel ma' l-annimal jitlaq mir-razzett fejn ikun twieled.

(3) Kull annimal importat minn pajjiż terz li jkun għadda mill-eżamijiet imposti fid-Direttiva tal-Kunsill tal-Kommunità Ewropea 91/496/KEE u li jibqa' fit-territorju tal-Kommunità għandu jkun identifikat fil-post ta' destinazzjoni b'tabelli mal-widnejn li jkunu skond ir-rekwiżiti ta'dawn ir-regoli, fi żmien 20 ġurnata minn meta jkunu saru dawn l-eżamijiet u f'kull każ qabel ma jitilqgħu mir-razzett fejn ikunu.

Iżda mhux neċessarju li l-annimal jiġi identifikat jekk ir-razzett ta' destinazzjoni jkun bierija li tinsab fi Stat Membru fejn isiru dawn l-eżamijiet u l-annimal jiġi maqtul fi żmien 20 ġurnata minn mindu jsirulu l-eżamijiet.

Iżda wkoll l-identifikazzjoni oriġinali stabbilita mill-pajjiż terz għandha tiġi reġistrata fid-*database* kompjuterizzat skond regola 5 jew, jekk din tkun għandha ma ta'dimx għal kollox, fir-reġistri li hemm provdut dwarhom fir-regola 3, flimkien mal-kodiċi ta' identifikazzjoni mogħti lill-annimal mill-Istat Membru ta' destinazzjoni.

(4) Kull annimal minn Stat Membru ieħor għandu jżomm l-istess tabella mal-widnejn oriġinali tiegħu.

(5) Ebda tabella mal-widnejn ma tista tiġi mneħħija jew mibdula mingħajr il-permess tas-Servizzi Veterinarji.

(6) It-tabelli mal-widnejn għandhom jingħataw lir-razzett, jiġu mqassma u applikati għall-annimali b'mod stabbilit mis-Servizzi Veterinarji.

Database.

5. Is-Servizzi Veterinarji għandhom joħolqu *database* kompjuterizzat skond l-Artikli 14 u 18 tad-Direttiva 64/432/KE fejn dawn għandhom iżommu kull *data* neċessarja konformament ma' din id-Direttiva.

Passaport.

6. (1) Is-Servizzi Veterinarji għandhom, għal kull animal li għandu jiġi identifikat skond ir-regola 4, joħorġu passaport fi żmien 14-il ġurnata minn meta jiġi avżat it-twelid tiegħu, jew, fil-każ ta' annimali importati minn pajjiżi terzi, fi żmien 14-il ġurnata minn meta tiġi avżata ta' l-identifikazzjoni mill-ġdid mill-Istat Membru konernat skond ir-regola 4(3). Is-Servizzi Veterinarji jistgħu joħorġu passaport għal annimali ġejjin minn Stat Membru ieħor taħt l-istess kundizzjonijiet. F'dawn il-każijiet, il-passaport li jimxi ma' l-annimal meta dan jasal għandu jingħata lis-Servizzi Veterinarji, li mbagħad jirritornawh lill-Istat li jkun ħarġu.

(2) Kull meta annimal jittieħed minn post għall-ieħor, il-passaport tiegħu għandu jimxi miegħu.

(3) Fil-każ tal-mewt ta' annimal, il-passaport għandu jiġi ritornat mill-gwardjan lis-Servizzi Veterinarji fi żmien sebat ijiem mill-mewt ta' l-annimal. Jekk l-annimal jintbagħat il-biċċerija, l-operatur tal-biċċerija għandu jkun responsabbli li jirritorna l-passaport lis-Servizzi Veterinarji.

(4) Fil-każ ta' annimali esportati lejn pajjiżi terzi, il-passaport għandu jiġi ritornat mill-aħħar gwardjan lis-Servizzi Veterinarji fil-post fejn l-annimal ikun ġie esportat.

Dmirijiet tal-gwardjan ta' l-annimali.

7. (1) Bl-eċċezzjoni tat-trasportaturi, kull gwardjan tal-annimali għandu:

(a) iżomm reġistru aġġornat,

(b) galadarba s-sistema tad-*database* kompjuterizzat tkun taħdem għal kollox, jirraporta lis-Servizzi Veterinarji l-movimenti kollha minn u lejn ir-razzett u kull twelid u mewt ta' l-annimali fir-razzett, flimkien mad-dati ta' dawn l-annimali, fi żmien sebat ijiem minn meta jseħħ kull avveniment.

(2) Skond ma japplika u fil-kuntest tar-regola 6, kull gwardjan ta' l-annimali għandu jimla l-passaport minnufih mal-wasla u qabel it-tluq ta' kull annimal mir-razzett u jiżgura ruħhu li l-passaport jimxi ma' l-annimal.

(3) Kull gwardjan għandu jagħti lis-Servizzi Veterinarji, meta jiġi hekk mitlub, kull informazzjoni rigward l-oriġini, l-identifikazzjoni u, meta jkun adatt, id-destinazzjoni ta' l-annimali, li huwa kien is-sid tagħhom, li żamm, ittrasporta, biegħ jew qatel.

Il-forma tar-reġistru.

8. Ir-reġistru għandu jkun f'forma approvata mis-Servizzi Veterinarji, jinżamm f'forma manwali jew kompjuterizzata, u jkun disponibbli għas-Servizzi Veterinarji f'kull ħin li dawn jitolbuh, għal perjodu minimu ta' mhux anqas minn tliet snin.

Spejjeż tas-sistemi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni.

9. L-Istati Membri jistgħu jiġbru mingħand il-gwardjani l-ispejjeż tas-sistemi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni msemmija f'regola 3 u tal-kontrolli msemmija f'dan it-Titolu.

Miżuri ta' implimentazzjoni.

10. Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura maniġerjali msemmija f'Artiklu 23(2) tar-Regola tal-Parlament u tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (KE) Nru.1760/2000. Dawn il-miżuri jikkonċernaw b'mod partikulari:

(a) miżuri dwar tabelli mal-widnejn;

(b) miżuri dwar il-passaport;

(ċ) miżuri dwar ir-reġistru;

(d) livell minimu ta' kontrolli li għandu jsir;

(e) applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi;

(f) miżuri transitorji meħtieġa biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' dan it-Titolu.

TITOLU II

Tikkettjar ta' ċanga u ta' prodotti taċ-ċanga.

11. (1) Operatur jew organizzazzjoni, kif imfissra f' regola 2, li:

(a) hu meħtieġ, skond regoli 12 sa 14 hawn iktar 'l isfel , li jittikketja ċanga f'kull stadju ta' bejgħ,

(b) li jkun irid, skond regoli 15 sa 17 hawn iktar 'l isfel, li jittikketja ċanga fil-post tal-bejgħ b'tali mod li jipprovdi informazzjoni, barra minn dik meħtieġa b'regola 12, rigward ċerti karatteristiċi jew kondizzjonijiet ta' produzzjoni tal-laħam ittikkettjat jew tal-annimal li jkun ġej minnu, jista' jagħmel dan skond dan it-Titolu.

(2) Dan it-Titolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-leġislazzjoni tal-Kommunità, b'mod partikulari għaċ-ċanga.

Sistema obbligatorja ta' tikkettjar taċ-ċanga

Regoli ġenerali.

12. (1) Operaturi u organizzazzjonijiet li jbiegħu ċ-ċanga, għandhom jittikkettjawha skond din ir-regola. Is-sistema obbligatorja ta' tikkettjar għandha tiżgura rabta bejn, fuq naħa waħda l-identifikazzjoni tal-karkassa, kwart jew biċċiet ta' laħam, u fuq in-naħa l-oħra, l-annimal individwali jew, meta dan ikun biżżejjed biex tiġi akkuratament verifikata l-informazzjoni fuq it-tikketta, il-grupp ta' l-annimali konċernat.

(2) It-tabella għandha jkollha dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin:

(a) numru ta' referenza jew kodiċi ta' referenza li jiżgura r-rabta bejn il-laħam u l-annimali jew annimali. Dan in-numru jista'

jkun in-numru ta' identifikazzjoni ta' l-annimal individwali minn fejn il-laħam ikun ġie meħud jew in-numru ta' identifikazzjoni ta' ċertu grupp ta' annimali;

(b) in-numru ta' l-approvazzjoni tal-biċċerija fejn l-annimal jew il-grupp ta' annimali jkunu ġew maqtula u l-Istat Membru jew il-pajjiż terz fejn tkun tinsab il-biċċerija. L-indikazzjoni għandha tkun "Maqtul f' Malta (jew l-isem ta' l-Istat Membru jew tal-pajjiż terz)(numru ta' l-approvazzjoni)";

(ċ) in-numru ta' l-approvazzjoni tal-post fejn ikun tqatta' l-laħam tal-karkassa jew ta' grupp ta' karkassi u l-Istat Membru jew pajjiż terz fejn ikun jinsab il-post li fih ikun tqatta' l-laħam. L-indikazzjoni għandha tkun: "Mqatta' f' Malta (jew l-isem tal-Istat Membru jew pajjiż terz) (numru ta' l-approvazzjoni)."

(3) (a) Operaturi u organizzazzjonijiet għandhom jindikaw ukoll fuq it-tabelli:

(i) l-Istat Membru jew pajjiz terz fejn sar it-twelid;

(ii) l-Istati Membri jew il-pajjiżi terzi kollha fejn ġie msemmen l-annimal;

(iii) l-Istat Membru jew il-pajjiż terz fejn tkun saret il-qatla.

(b) Iżda meta ċ-ċanga tkun ġejja minn annimali imwielda, imrobbija u maqtula:

(i) fl-istess Stat Membru, l-indikazzjoni tista' tingħata bħala "Oriġini: (isem ta' l-Istat Membru)";

(ii) fl-istess pajjiż terz, l-indikazzjoni tista' tingħata bħala "Oriġini: (isem tal-pajjiż terz)".

Derogi mis-sistema obbligatorja ta' tikkettjar.

13. B'deroga mir-regoli 12(2)(b) u (ċ) u 12(3)(a)(i) u (ii), operatur jew organizzazzjoni li tipprepara l-ikkapuljat għandha tindika fuq it-tabella l-kliem "ippreparat f' Malta (jew l-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz)", skond fejn ikun ġie preparat l-ikkapuljat u "oriġini" fejn l-Istat jew l-Istati involuti ma humiex l-Istat ta' preparazzjoni. L-obbligu impost bir-regola 12(3)(a)(iii) għandu jkun japplika għal dak il-laħam mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. Iżda dak, l-operatur jew organizzazzjoni jistgħu jżidu fuq it-tikketta ta' l-ikkapuljat:

(a) xi waħda jew iżjed mill-indikazzjonijiet provduti f'regola 12 u, jew,

(b) id-data meta jkun ġie preparat il-laħam.

Abbażi ta' esperjenza, u skond in-neċessitajiet, jistgħu jiġu addottati regoli simili għal-laħam imqatta' jew fdalijiet taċ-ċanga skond il-proċedura mniżżla f'Artiklu 23(2) tar-Regola tal-Parlament u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KE) Nru. 1760/2000.

Tikkettjar obbligatorju taċ-ċanga li tkun ġejja minn pajjiżi terzi.

14. B'deroga minn regola 12, ċanga importata fil-Kommunità li ma jkollhiex magħha l-informazzjoni kollha meħtieġa bir-regola 12, għandu jkollha indikat fuq it-tikketta skond il-proċedura mniżżla f'regola 16: "Oriġini: mhux mill-KE" u "Maqtul f'(isem-il pajjiż terz)".

Sistema volontarja ta' tikkettjar

Tikkettjar obbligatorju taċ-ċanga li tkun ġejja minn pajjiżi terzi.

15. (1) (a) Għal dawk it-tabelli li jkollhom informazzjoni differenti minn dik li hemm provdut dwarha f'regoli 12 sa 14, kull operatur jew organizzazzjoni għandhom jibgħatu kampjun speċifiku għall-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti fejn issir il-produzzjoni jew il-bejgħ taċ-ċanga in kwistjoni. L-awtorità kompetenti tista' wkoll tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jintużaw, sakemm l-użu ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet ma jkunx wieħed obbligatorju.

(b) Speċifikazzjonijiet ta' tikkettjar volontarji għandhom ikunu jindikaw:

(i) l-informazzjoni li għandha titniżżel fuq it-tikketta,

(ii) il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata l-eżattezza ta' l-informazzjoni;

(iii) is-sistema ta' kontroll li għandha tiġi applikata f'kull stadju tal-produzzjoni u l-bejgħ, inklużi l-kontrolli li għandhom isiru minn korp indipendenti rikonoxxut mill-awtorità kompenenti u msemmi mill-operatur jew mill-organizzazzjoni. Dawn il-korpi għandhom ikunu konformi mal-kriterji stabbiliti fi Standard Ewropew EN/45011;

(iv) fil-kaz ta' organizzazzjoni, il-miżuri li għandhom jittie'du kontra kull membru li ma jobdix dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

(ċ) Il-kontrolli minn korp indipendenti jistgħu minflok jiġu magħmula, minn awtorità kompetenti. F'dan il-każ l-awtorità

kompetenti għandu jkollha għad-disposizzjoni tagħha impjegati kwalifikati u riżorsi neċessarji sabiex tagħmel il-kontrolli meħtieġa.

(d) L-ispejjeż tal-kontrolli li għandhom isiru skond regoli 15 sa 17 għandhom ikunu a karigu ta' l-operatur jew ta' l-organizzazzjoni li tuża s-sistema ta' tikkettjar.

(2) (a) L-approvazzjoni ta' kull speċifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-assikurazzjoni mill-awtorità kompetenti, meħuda fuq bażi ta' eżami fil-fond tal-komponenti tagħha skond kif imniżżel f'regola 15(1), tal-funzjoni tajba u affidabbli tas-sistema ta' tikkettjar maħsuba, u b'mod partikolari, ta' xi speċifikazzjoni li ma tiżgurax il-kontinwità bejn, minn naħa, l-identifikazzjoni tal-karkassa, kwart jew biċċiet tal-laħam u, minn naħa oħra, l-annimal individwali jew, fejn dan huwa suffiċjenti sabiex tkun tista' tiġi verifikata l-eżattezza ta' l-informazzjoni fuq it-tikketta, l-annimali konċernati.

(b) Speċifikazzjonijiet li jipprovdu dwar tikketti li għandhom informazzjoni qarrieqa jew mhux ara biżżejjed, għandhom ukoll jiġu rifjutati.

(3) (a) Fejn il-produzzjoni u, jew il-bejgħ taċ-ċanga isir f'żewġ jew aktar Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati għandhom jeżaminaw u japprovaw l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija, safejn l-elementi hemmhekk miktuba ikollhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet li jsiru fit-territorji rispettivi tagħhom. F'dan il-każ, kull Stat Membru konernat għandu jirrikonoxxi l-approvazzjonijiet mogħtijin minn kull Stat Membru ieħor konċernat.

(b) Jekk, fi żmien li għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura mniżżla fl-Artiklu 23(2) tal-Parlament u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KE) Nru. 1760/2000, u li jibda' mill-ġurnata ta' wara d-data meta tkun ġiet preżentata l-applikazzjoni, l-approvazzjoni la tiġi respinta u lanqas mogħtija, jew l-ebda informazzjoni addizzjonali ma tiġi mitluba, l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jiġu kunsidrati approvati mill-awtorità kompetenti.

(4) Fejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri kollha konċernati japprovaw l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija, l-operatur jew l-organizzazzjoni konċernati għandhom ikunu intitolati li jagħmlu tikketta fuq iċ-ċanga, sakemm dik it-tikketta jkollha l-isem jew il-*logo*.

(5) L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li l-isem ta' xi wieħed jew aktar mir-reġjuni tagħha ma jkunx jista' jintuża, b'mod partikolari meta l-isem ta reġjun:

(a) jista' joħloq konfużjoni jew diffikultajiet fil-verifiki li jsiru;

(b) ikun riservat għaċ-ċanga fil-qasam ta' Regola (KEE) Nru. 2081/92.

(6) fejn tingħata awtorizzazzjoni l-isem 'Malta' għandu jidher biswit l-isem tar-reġjun.

Sistema volontarja ta' tikkettjar taċ-ċanga ġejja minn pajjiżi terzi.

16. (1) Meta tkun qegħda ssir il-produzzjoni taċ-ċanga, għal kollox jew biss in parti, f'xi pajjiż terz, l-operaturi u l-organizzazzjonijiet għandu jkollhom jedd skond regoli 15 sa 17 jekk, minbarra li jikkonformaw ruħhom mar-regola 15, ikunu ġabu għall-ispeċifikazzjonijiet tagħhom l-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti msemmija għal dak l-iskop minn kull wieħed mill-pajjiżi terzi konċernati.

(2) Il-validità fil-Komunità ta' approvazzjoni mogħtija minn pajjiż terz, għandha tkun soġġetta għal avviż li jingħata minn qabel mill-pajjiż terz lill-Kummissjoni dwar:

(i) l-awtorità kompetenti li tkun ġiet imsemmija;

(ii) il-proċeduri u l-kriterji li għandhom jiġu segwiti mill-awtorità kompetenti meta jkunu qegħdin jiġu eżaminati l-ispeċifikazzjonijiet,

(iii) kull operatur u organizzazzjoni li l-ispeċifikazzjoni tagħhom tkun ġiet aċċettata mill-awtorità kompetenti.

Sanzjonijiet.

17. Mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni li tittieħed mill-organizzazzjoni nnifisha jew mill-korp indipendenti ta' kontroll li hemm provdut dwaru f'regola 15, meta jiġi muri li operatur jew organizzazzjoni jkunu fallew milli jikkonformaw ruħhom ma' l-ispeċifikazzjoni mniżżla f'regola 15(1), l-awtorità kompetenti tista' tirtira l-approvazzjoni li hemm provdut dwarha f'regola 15(2) jew timponi kondizzjonijiet supplimentari li għandhom jiġu rispettati jekk l-approvazzjoni tagħha għandha tibqa' tgħodd.

Disposizzjonijiet Ġenerali

Regoli dettaljati.

18. Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura maniġerjali msemmija f'Artikolu 23(2) tar-Regola tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (KE) Nru. 1760/2000. Dawn il-miżuri jikkonċernaw b'mod partikolari:

(a) definizzjoni tal-kobor tal-grupp ta' l-annimali, imsemmi f'regola 12(2)(a);

(b) definizzjoni ta' l-ikkapuljat, fdalijiet ta' ċanga u biċċiet ta' ċanga msemmija f' regola 13;

(ċ) definizzjoni ta' indikazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jitniżżlu fuq it-tikketti;

(d) miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-applikazzjoni ta' Regolament (KE) Nru.820/97 għal l-applikazzjoni ta' dan it-Titolu;

(e) miżuri meħtieġa sabiex jiġu solvuti ċerti problemi prattiċi speċifiċi. Dawk il-miżuri, jekk jiġu ġustifikati kif imiss, jistgħu jidderogaw minn ċerti partijiet ta' dan it-Titolu.

TITOLU III

Disposizzjonijiet komuni.

19. (1) (a) Il-kontrolli li hemm provdut dwarhom ma għandhom ikunu ta' ebda preġudizzju għal kontrolli li l-Kummissjoni tista' tagħmel skond Artiklu 9 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru.2988/95.

(b) Kull sanzjoni imposta fuq stabbiliment għandha tkun proporzjonata mal-gravità tan-nuqqas. Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu, fejn dan ikun ġustifikat, restrizzjoni fuq il-moviment ta' l-annimali lejn jew mir-razzett fejn ikunu qegħdin jinżammu.

(2) Esperti mill-Kummissjoni, flimkien ma' l-awtorità kompetenti, għandhom jagħmlu verifiki fuq il-post sabiex jiżguraw li l-verifiki li għandhom isiru dwar konformità mar-rekwiżiti ta' dawk ir-regoli, ikunu qegħdin isiru skond ir-Regolament 1760/2000.

(3) L-awtoritàjiet kompetenti għandhom jagħtu lill-esperti tal-Kummissjoni kull assistenza meħtieġa waqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiethom.

Tabella Korrelattiva

Regola (KE) Nru. 820/97	Dawn ir-Regoli
Artiklu 1	Regola 1
Artiklu 2	Regola 2
Artiklu 3	Regola 3
Artiklu 4	Regola 4
Artiklu 5	Regola 5
Artiklu 6	Regola 6
Artiklu 7	Regoli 7 and 8
Artiklu 8	-
Artiklu 9	Regola 9
Artiklu 10	Regola 10
Artiklu 11	-
Artiklu 12	Regola 11
Artiklu 13	Regola 12
Artiklu 14 (1)	Regola 15 (1)
Artiklu 14 (2)	Regola 15 (2)
Artiklu 14 (3)	-
Artiklu 14 (4)	Regola 15 (4)
Artiklu 15	Regola 16
Artiklu 16 (1)	Regola 15 (3)
Artiklu 16 (2)	Regola 15 (3)
Artiklu 16 (3)	Regola 12 (2)(a)
Artiklu 17	Regola 17
Artiklu 18	Regola 18
Artiklu 19	-
Artiklu 20	-
Artiklu 21	Regola 19
Artiklu 22	-